MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Numru. 748/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**vs**
**WARREN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Warren CAmilleri ta’ 21 sena, bin Walter u Anna nee’ Vella, mwieled Pieta’ nhar it- 13 ta’ Settembru 1989, residenti The Cottage, Triq it- Tumbrell, Xghira u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 428689M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 1 ta’ Dicembru 2009 u fil- granet ta’ qabel minn Triq il- Knisja il- Qadima Birkirkara, ikkommetta serq ta’ karru ghad- dannu ta’ Carmel Pace, liema serq huwa aktar minn €232.94 izda ma jkunx izjed minn €2,329.37 liema serq huwa kkwalifikat bil- valur;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

Rat illi l-oggett derubat gie ritornat minnufih lil sidu, u li l-imputat ghen lil-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva giet irtirata mill-Ufficjal Prosekutur, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kellu jiehu xi flus minnghand certu Charles Pace ghal xi xoghol li kien ghamillu, u wara li baqa’ ma thallasx, ha l-ligi b’idejh u seraq karru proprjeta’ ta’ Pace. Dan hu indikat car fl-istqarrija tal-imputat, ghalkemm hu jghid li l-karru sselfu u mhux serqu. Madankollu, dan gie ritornat lil Pace, u l-imputat ammetta mal-ewwel li kien hadu hu. Ghalhekk, il-Qorti ma tarax li ghandha taghti xi piena li

nnaqqas il-liberta’ personal ital-imputat, aktar hu aktar meta hu “first time offender” b’fedina penali netta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imuptat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------